
Today 23rd August, 2021

To Charlene Friggieri (ID 402691M) of Fantine, Flat 8, Triq Ċensu Costa, Ta' Paris, Birkirkara

Permezz tal-preżenti, Albert Borg-Cardona (KI 109577M) ta' Fantine Flat 5, Triq Ċensu Costa, Ta' Paris, Birkirkara, jagħmel referenza għal perkolazzjoni tal-ilma provenjenti mill-kamra tal-banju tiegħek, sovrapost il-gallarija interna tal-mittenti li qed tagħmel il-ħsara fil-ħitan tiegħu kawża tal-iskul tal-ilma.

Illi l-ħsarat għadhom fil-bidu tagħhom u għalhekk il-mittenti qed javvertik sabiex isiru x-xogħlijiet neċessarji sabiex kull ħsara li tista' tiggrava tiġi evitata.

Illi ġie wkoll konfermat mal-Perit li bena l-appartamenti inkwistjoni illi l-pajpijiet li jgħaddu għal fuq il-gallarija interna tal-mittent u li huma taħt il-banju tiegħek qed jikkawżaw din il-perkolazzjoni tal-ilma, huma proprjetà tiegħek u mhux parti mill-komun.

Illi fin-nuqqas li inti ma tieħux il-passi neċessarji sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni mill-aktar fis possibbli, il-mittenti qiegħed iżommok responsabbli għal kull dannu li jista' jsofri fil-proprjetà tiegħu u li jirriserva d-dritt jipproċedi legalment kontrik.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of this present, Albert Borg-Cardona (ID 109577M) of Fantine, Flat 5, Triq Ċensu Costa, Ta' Paris, Birkirkara, makes reference to water ingress from your bathroom which overlies the internal balcony of the interpellant, that is making damage to the walls because of water ingress.

That the damages are at their beginning and the interpellant warns you that the necessary works have to be made so that serious damages will be avoided.

It was also confirmed with the Architect that built the apartments in question that the pipes passing from the internal balcony of the interpellant and are under your bath and are your property and not part of the common parts; these are causing water ingress.

That if you do not take the necessary steps to remedy the situation as soon as possible, the interpellant is holding you responsible for any damage that may be suffered in his property and he reserves the right to proceed legally against you.

So much so that you know how to proceed and regulate yourself and with costs.

Registry of the Superior Courts today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1381

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Marzu, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 118/2021, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Abraham Bezzina et, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Abraham Bezzina (KI 248260M) u Roma Car Hire Co. Ltd (C17637) ta' Santa Rita, 26, Triq il-Kbira, Il-Mosta, fl-14 ta' Jannar, 2021, United Acceptances Finance Ltd (C360) ta' Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, tirreferi għal tmienja u ħamsin (58) kambjala mill-kont bin-numru 0306280759, minnek debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma tħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati bin-numri 3 sa 60.

Il-mittenti qiegħed jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €11,071.55 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

By means of a decree of the 10th March, 2022, in the records of the judicial letter number 118/2021, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Abraham Bezzina et, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Abraham Bezzina (ID 248260M) and Roma Car Hire Co. Ltd (C 17637) of 26, Santa Rita, Triq il-Kbira, Mosta, on the 14th January, 2021, United Acceptances Finance Ltd (C360) of Mizzi House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, refers to fifty eight (58) bills of exchange from the account number 0306280759 signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked numbers 3 to 60.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €11,071.55 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmak illi se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr preavviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Int avżat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In default of payment the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Cap. 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1382

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 754/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Maria Serena La Pira ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maria Serena La Pira a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Marzu, 2021

Lil Maria Serena La Pira (KI 163398A) ta' 193, Montepellier Gardens, Triq il-Ġiżimin, Is-Swieqi

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €4,401.54 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti 22 skadenza ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €200.07, liema kambjali mmaturaw fit-28 ġurnata ta' kull xahar minn Mejju 2019 sa Frar 2021,rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A22).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 754/2021 in the names J. Zammit Limited vs Maria Serena La Pira the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Maria Serena La Pira in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th March, 2021

To Maria Serena La Pira (ID 163398A) of 193, Montepellier Gardens, Triq il-Ġiżimin, Swieqi

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €4,401.54 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 22 expired bills of exchange each of value €200.07, which bills of exchange were due on the 28th day of each month from May 2019 till February 2021 respectively (copies here attached and marked as Doc. A1-Doc. A22).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty days from the notification of this judicial letter you

Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1383

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-25 ta' Mejju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 254/2022, fl-ismijiet Bank of Valletta plc vs Popular Marketing Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpanija intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti lil Popular Marketing Limited (C53146) ta' c/o 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, L-Iklin IKL 1071, fl-20 ta' Jannar, 2022, Bank of Valletta plc (C2833) ta' 1/5, Misraħ San Ġorg, Il-Belt Valletta VLT 1190, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' €233,594.29 bilanċ għad-debitu fil-Business Loan Accounts tiegħek mal-Bank of Valletta plc, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-14 ta' Jannar, 2022, sad-data tal-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skont il-liġi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 25th May, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 254/2022 in the names Bank of Valletta plc vs Popular Marketing Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the First Hall of the Civil Courts against Popular Marketing Limited (C 53146) of c/o 53, Il-Bitħa, Triq Giovanni Curmi, Iklin IKL 1071, on the 20th January, 2022, Bank of Valletta plc (C2833) of 1/5, Misraħ San Ġorg, Valletta VLT 1190, solicits you so that within two days you pay the amount of €233,594.29, balance of debt in your Business Loan Accounts with Bank of Valletta plc together with further interest from the 14th January, 2022, till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1384

ARB/C053/2022 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-25 ta' Lulju, 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Kumpilazzjoni Numru 391/2022, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Marshal Mallia)
Kontra

AMEUR EL HICHAMI, lavrant, ta' 43 sena, iben Mohamed u Fatna, imwieled il-Marokk fl-1 ta' Jannar, 1979, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport Marokkin bin-numru JC7020238.

ARB/C053/2022 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 25th July, 2022 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras, LLD). Compilation Number 391/2022, in the case:

The Police
(Inspector Marshal Mallia)
Versus

AMEUR EL HICHAMI, labourer, 43 years, son of Mohamed and Fatna, born in Morocco on the 1st January, 1979, without a fixed address in Malta and holder of Moroccan passport bearing number JC7020238.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' AMEUR EL HICHAMI u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet tal-Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to AMEUR EL HICHAMI and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) kull ħmistax-il (15) ġurnata, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u il-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of six hundred euro (€600) every fifteen (15) days, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 22A u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 22A and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illum, 5 ta' Awwissu, 2022

Today, 5th August, 2022

DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

1385

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-14 ta' Ġunju, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 745/2022, fl-ismijiet Antoinette Magro vs Raymond Cini, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Raymond Cini a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 14th June, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 745/2022 in the names Antoinette Magro vs Raymond Cini, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Raymond Cini in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

In the First Hall of the Civil Court

Illum 24 ta' Frar, 2022

Today 24th February, 2022

Lil: Raymond Cini, fil-kummerċ bl-isem Raymond Cini Building Contractors Ltd (C82763) ta' 37, Triq Ċejlu Tonna, Il-Mosta MST 4183

To Raymond Cini, in business with the name Raymond Cini Building Contractors Ltd (C82763) of 37, Triq Ċejlu Tonna, Mosta MST 4183

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u jekk ma tweġibx fi żmien għoxrin (20) jum, din l-istess ittra uffiċjali

This judicial letter is being sent in terms of Articles 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12 of the Laws of Malta) and if you do not reply within twenty (20) days, this same judicial letter will

tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali.

Permezz tal-preżenti l-mittenti Antoinette Magro (KI 637359M) ta' 25, Elysium, Triq Patri Marjanu Vella, L-Iklin, tirreferik għall-kambjala ffirmata minnek fit-2 ta' Novembru, 2021 (annessa u mmarkata ma' din l-ittra bħala Dok. A) li tammonta għall-ammont ta' €16,715, liema kambjala mmaturat fit-30 ta' Jannar, 2022.

Minkejja li din il-kambjala llum il-ġurnata mmaturat inti inqast milli tersaq għall-ħlas tal-istess kambjala. Illi għalhekk ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-mittenti qed trendi l-kambjala hawn fuq indikati esegwibbli ai finijiet u effetti kollha tal-liġi u tinterpellak sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi din l-ittra uffiċjali tħallas l-ammont hekk dovut minnek, bl-interessi md-data li fiha mmaturat din il-kambjala.

Fin-nuqqas, il-mittenti se tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek, inkluż bil-ħruġ tal-mandati eżekuttivi fil-konfront tiegħek.

Il-mittenti tgħarrfek illi l-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista' b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-esekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-esekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika ta' ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-esekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tant sabiex tgħaraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

constitute an executive title. Thus, it is in your interest to engage a lawyer or legal procurator.

By means of this present, Antoinette Magro (ID 637359M) of 25, Elysium, Triq Patri Marjanu Vella, Iklin, refers to the bill of exchange signed by you on the 2nd November, 2021 (attached and marked with the letter as Doc. A) which amounts to €16,715, which bill of exchange expired on the 30th January, 2022.

Although this bill of exchange has matured today, you have remained in default in the payment of the same bill of exchange. Therefore in terms of Article 253(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta the interpellant is rendering the bill of exchange above mentioned executable in all effects and purposes of law and solicits you so that within five (5) days from when you receive this judicial letter you pay the amount due to by you, with interest from the date of expiry of this bill of exchange.

In default, the interpellant will proceed further against you, including with the issuance of executive warrants against you.

The interpellant informs you that the competent Court according to the value of the bill of exchange or promissory note, can by issuing a decree that is not appealable, suspend the execution of that bill of exchange or promissory note in whole or in part and whether subject to a guarantee or without it, on the application of the person who is opposing the execution of that bill of exchange or promissory note as mentioned above, and which must be done within twenty days from the notification of the judicial letter that is sent to render the same bill of exchange or promissory note executable because the signature on the bill of exchange or promissory note is not his or her representative's or where that person puts forward other serious and valid reasons to oppose that execution and in that case for a person to demand the payment of that bill of exchange or promissory note he will have to proceed with the case according to the provisions of the Commercial Code.

So much so that you know how to proceed and regulate yourself.

With costs

Registry of the Superior Courts today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1386

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' April, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 118/2022, fl-ismijiet l-Avukat Justin Zahra noe vs Robert Attard, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Robert Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 12 ta' Jannar, 2022

Lil: Robert Attard, 42, Kent Court, Flat 8, Triq Kent, Il-Fgura

Permezz tal-preżenti, l-Avukat Justin Zahra (KI 561878M), Direttur Ġeneral tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, in rappreżentanza tal-istess aġenzija, jinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €56,000 ċjoè somma li ngħatat ai terminit għal kuntratt enumerat 20895/205147/2019 u li skont l-istess int kellek tingħata għajnuna finanzjarja minn fondi tal-Unjoni Ewropea skont il-Miżura 6.1.

L-istess ammonti kienu tħallsu lilek ai termini tal-istess kuntratt suġġett għall-ottemporanza mal-obbligi applikabbli skont l-istess kuntratt, liema ottemporanza rriżultat li naqset daparti tiegħek. Minħabba f'hekk l-aġenzija mittenti ma għandha ebda għażla oħra ħlief li titlob ir-rifużjoni tal-istess.

Minkejja li saru tentattivi biex tiġi debitament interpellat fl-indirizz mogħti minnek lill-aġenzija mittenti, dawn irriżultaw inutili minħabba nuqqasijiet tiegħek.

Għaldaqstant, qiegħda tintbagħat din l-ittra uffiċjali u wara li tiġi debitament notifikata skont il-liġi, u fin-nuqqas tal-pagament mitlub fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-istess notifika, ma se jingħatalek ebda preavviż ieħor qabel jittieħdu passi ulterjuri ai termini tal-liġi, inkluż il-ħruġ possibbli ta' mandati kawtelatorji.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 28th April, 2022, in the First Hall of the Civil Courts in the records of the judicial letter number 118/2022 in the names Advocate Justin Zahra noe vs Robert Attard, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Robert Attard in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 12th January, 2022

To: Robert Attard of 42, Kent Court, Flat 8, Triq Kent, Fgura

By means of this present, Advocate Justin Zahra (ID 561878M) Director General of Agriculture and Rural Payments Agency, for and on behalf of the same agency solicits you to pay the amount of €56,000 that is the amount given to you in terms of the contract numbered 20895/205147/2019 and in terms of which, you had to be given financial aid from the European Union according to Measure 6.1.

The same amounts were paid to you in terms of the same contract subject to your complying with the applicable obligations according to the same contract; you have failed to comply. Accordingly, the interpellant agency has no alternative but to request a refund of the same amount.

Although attempts were made to serve you at the address given by you to the interpellant agency, these failed to be successful due to your shortcomings.

Therefore, this judicial letter is being sent and after it is duly notified according to the law, and in the absence of the requested payment within ten working days from the same notification, no further notice will be given to you before further steps are taken in terms of law including the possible issuance of precautionary warrants.

With costs and interest according to law till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1387

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ġunju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Guendalina Savona vs Maurice Galea et, Rikors numru 187/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex

By means of a decree of the 8th June, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Guendalina Savona vs Maurice Galea et, Application Number 187/2022JD, the following publication was ordered

isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Maurice Galea u Margaret Galea a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Guendalina Savona (KI 797857M) vs Maurice Galea (KI 877244M) u martu Margaret Galea (KI 481846M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-28 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Guendalina Savona (KI 797857M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati skont l-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 u jiddetermina jekk l-istess intimati jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

2. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a. Ixolji l-kirja favur l-intimati tat-terran 16, Triq Viani, Tas-Sliema,

b. Jagħti żmien perentorju lill-intimati, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvakaw minn dan il-fond u jirrilaxxawh battal u f'kundizzjoni tajba favur l-esponenti,

c. Jistabbilixxi l-kera pagabbli mill-intimati lill-esponenti għall-okkupazzjoni ta' din id-dar matul l-imsemmi perjodu;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimati għar-rigward tat-terran 16, Triq Viani, Tas-Sliema, għal ammont sa 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond imsemmi fl-1 ta' Jannar, 2022, u jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lill-esponenti l-kera hekk riveduta bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitajiet differenti li dan il-Bord jista' jistabbilixxi fid-diskrezzjoni tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li jibqgħu inġunti minn minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti inkluż għad-danni, jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: 17, Tiamat, Triq Godwin Ganado, Tal-Virtù, Ir-Rabat, Malta

Intimati: Maurice Galea,16, Triq Viani, Tas-Sliema
Margaret Galea,16, Triq Viani, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

for the purpose of effecting service on the respondents Maurice Galea and Margaret Galea in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Guendalina Savona (ID 797857M) vs Maurice Galea (ID 877244M) and his wife Margaret Galea (ID 481846M) filed in the Rent Regulation Board, on the 28th February, 2022, the applicant Guendalina Savona (ID 797857M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Carry out the means test of the respondents, in terms of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 and determine whether the same respondents meet the criteria of the means test for income and capital;

2. In the event that this Board finds that the respondents do not meet the criteria of the means test for income and capital:

a. Dissolve the lease in favour of the respondents of the premises 16, Triq Viani, Tas-Sliema,

b. give the respondents a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applican,

c. establish the rent payable by the respondents to the applicant for the occupation of the premises during the said period;

3. In the event that this Board finds that the respondents meet the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent in relation to the premises number 16, Triq Viani, Tas-Sliema, to the amount up to 2% per annum of the free and open market value of the premises on the 1st January 2022. and order the respondents to pay the applicant the revised rent, with the same current installments or in a different manner which this Board might establish at its discretion.

With costs against the respondents who are hereby summoned so that a reference to their oath be made and reserving any other action by the applicant including those for damages as the case may be.

Applicant: 17, Tiamat, Triq Godwin Ganado, Tal-Virtù, Rabat, Malta

Respondent: Maurice Galea, 16, Triq Viani, Tas-Sliema
Margaret Galea, 16, Triq Viani, Tas-Sliema
Housing Authority

Ir-rikors fl-ismijiet Guendalina Savona vs Maurice Galea et, Rikors numru 187/2022JD, jinsab differit għas-6 ta' Ottubru, 2022, fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Guendalina Savona vs Maurice Galea et, Application number 187/2022JD has been postponed for hearing to the 6th October, 2022, at 11.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1388

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Mejju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Muscat Azzopardi et vs Carmelo Pace et, Rikors numru 115/2022JD, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmelo Pace a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Muscat Azzopardi (KI 713055M), Rosaire Muscat Azzopardi (KI 0474154M), Marie-Therese Muscat Azzopardi (KI 0285058M), Vera Agius Muscat (KI 0333955M), Anthide Agius Muscat (KI 0577059M), Hugo Agius Muscat (KI 0337961M), Lucienne Cumbo née Agius Muscat (KI 0053167M) vs Carmelo Pace (KI 005459M) u l-Awtorità tad-Djar, ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-8 ta' Frar, 2022, ir-rikorrenti Joseph Muscat Azzopardi et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Carmelo Pace (KI 005459M) huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, u jikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021;

2. Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Carmelo Pace (KI 005459M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostitwuwhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2021, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2021;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

4. Jordna f'każ illi l-intimat Carmelo Pace (KI 005459M) ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond inkwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

By means of a decree of the 17th May, 2022, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Muscat Azzopardi et vs Carmelo Pace et, Application number 115/2022JD, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmelo Pace in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Joseph Muscat Azzopardi (ID 713055M), Rosaire Muscat Azzopardi (ID 0474154M), Marie-Therese Muscat Azzopardi (ID 0285058M), Vera Agius Muscat (ID 0333955M), Anthide Agius Muscat (ID 0577059M), Hugo Agius Muscat (ID 0337961M) and Lucienne Cumbo née Agius Muscat (ID 0053167M) vs Carmelo Pace (ID 005459M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 7th February, 2022, the applicant Joseph Muscat Azzopardi et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Carmelo Pace (ID 005459M) is the lessee of the premises 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, and qualify as the lessee of a residential house on the basis of this definition, in terms of Article 2 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance as amended by Act XXIV of 2021;

2. Order that the means test of the respondent Carmelo Pace (ID 005459M) be carried out as set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessees between 1st January and 31st December, 2021, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2021;

3. Declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises that is 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema, and to establish new conditions regarding the lease.

4. Order that if the respondent Carmelo Pace (ID 005459M) does not satisfy the criteria of the income of the means test, the eviction of the same respondent from the premises in question within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years from the 1st June, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: 154A, Triq il-Kbira, San Ġiljan

Intimat: 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Muscat Azzopardi et vs Carmelo Pace et, Rikors numru 115/2022JD, jinsab differit għas-6 ta' Ottubru, 2022, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicant: 154A, Triq il-Kbira, San Ġiljan

Respondent: 148, Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema
Housing Authority

The application in the names Joseph Muscat Azzopardi et vs Carmelo Pace et, Application number 115/2022JD, has been postponed for hearing to the 6th October, 2022, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1389

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-1 ta' Lulju, 2022, fuq talba ta' Michelle Massa et ġie ordnat sabiex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 483/2022JVC, fl-ismijiet Michelle Massa et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ġunju, 2022, fl-ismijiet Michelle Massa (KI 437172M), Sarah Laspina (KI 350179M), Nicholas Camilleri (KI 381769M) u Antonio Camilleri (KI 385266M) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-persuni mhux magħrufa u li jista' jkollhom il-pussess tal-maħżen numru 14, Flagstone Wharf, Il-Marsa, fejn ir-rikorrenti Michelle Massa (KI 437172M), Sarah Laspina (KI 350179M), Nicholas Camilleri (KI 381769M) u Antonio Camilleri (KI 385266M) talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-utile dominium temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin sena li bdew jiddekorru fit-30 ta' Novembru, 1914, tal-maħżen numru 14, Flagstone Wharf, Il-Marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen;

2. Konsegwentement tawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess liberu u battal tal-maħżen numru 14, Flagstone Wharf, Il-Marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen, filwaqt li tagħti dawk l-ordnijiet

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 1st July, 2022, following a request of Michelle Massa et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown persons, in the records of the Sworn Application 483/2022JVC, in the names Michelle Massa et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application, filed, in the Civil Court First Hall, in the names Michelle Massa (ID 437172M), Sarah Laspina (ID 350179M), Nicholas Camilleri (ID 381769M) and Antonio Camilleri (ID 385266M) vs Deputy Curators to represent the unknown persons that have in their possession the warehouse number 14, Flagstone Wharf, Marsa, on the 3rd June, 2022, the applicants Michelle Massa (ID 437172M), Sarah Laspina (ID 350179M), Nicholas Camilleri (ID 381769M) and Antonio Camilleri (ID 385266M) requested this Honourable Court to:

1. Declare that the applicants are the owners of the temporary utile dominium for the remaining time of one hundred and fifty years which began on the 30th November, 1914, of the warehouse number 14, Flagstone Wharf, Marsa, including the yard located at the rear of the same warehouse;

2. Consequently, authorise the applicants to reclaim the free and vacant possession of the warehouse number 14, Flagstone Wharf, Marsa, including the yard located at the rear of the same warehouse, while giving all those orders

kollha meħtieġa u neċessarji sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jaċċedu u jidħlu fil-pussess effettiv tal-istess maħżen, inkluż permezz tal-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna l-iżgumbrament ta' kwalsijasi persuna li tista' tkun qiegħda tokkupa u/jew tagħmel użu mill-maħżen numru 14, Flagstone Wharf, Il-Marsa, kompriż fih il-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-istess maħżen, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa għal dan il-għan din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, minn issa inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 483/2022JVC fl-ismijiet Michelle Massa et vs Kuraturi Deputati jinsab differit għall-5 ta' Ottubru, 2022, fid-9.30 a.m.

Rikorrenti: 28, Senninha, Triq il-Konti Ferd. Teuma Castelletti, L-Imtarfa

Notifika: Kuraturi Deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sseġġaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum l-1 ta' Lulju, 2022

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili U Tribunali

which are required and necessary so that the applicants can access and enter into the effective possession of the same warehouse, including by means of nominated architects;

3. Order the eviction of any person who may be occupying and/or using warehouse number 14, Flagstone Wharf, Marsa including the yard located at the rear of the same warehouse, and this in a short and peremptory time that it is fixed for this purpose by this Honourable Court.

With costs against the respondents, or any one of them who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

The Sworn Application number 483/2022JVC in the names Michelle Massa et vs Deputy Curators is postponed for hearing for the 5th October, 2022, at 9.30 a.m.

Applicants: 28, Senninha, Triq il-Konti Ferd. Teuma Castelletti, Mtarfa

Notification: Deputy Curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 1st July, 2022

Registry of the Superior Courts, today 5th Augus 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1390

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 2021, fuq talba ta' Silvana (Salvina) Attard ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien tad-dirett dominju fl-atti taċ-ċedola numru 1777/2021 fl-ismijiet Silvana (Salvina) Attard vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens ta' Silvana (Salvina) Attard, (KI 338167M), armla ta' Carmelo magħruf Charles Attard, bint il-mejtin Publius Micallef u Maria Carmela née Paris, playworker, imwielda Tas-Sliema fit-12 ta' Awwissu, 1967, u residenti Tal-Pietà vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tas-sidien tad-dirett dominju perpetwu li ma jistgħux jiġu rintraċċati, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2021, fejn Silvana (Salvina) Attard (KI 388167M) esponiet bir-rispett:

Illi ai termini ta' kuntratt datat 25 ta' Awwissu, 1994, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Francis Micallef, minn issa 'l quddiem riferit bħala l-Att, l-esponenti flimkien ma' żewġha Carmelo magħruf bħala Charles Attard (KI 501163M), illum defunt, akkwistat is-subdirett dominu temporanju u annwu u subċens valur ta' Lm80 għaż-żmien rimanenti minn konċessjoni subenfitewtika li kienet saret fl-atti tal-istess Nutar tat-3 ta' April, 1981, għal perjodu ta' 21 sena li bdew mill-1 ta' April, 1986, fir-rigward tal-fond bin-numru 241 ġja numru 22, Triq Our Lady of Sorrows, Il-Ħamrun, minn issa 'l quddiem riferit bħala l-Fond;

Illi ai termini tal-istess Att, l-esponenti flimkien ma' żewġha akkwistaw l-utile dominju perpetwu fir-rigward tal-istess Fond mid-data tal-iskadenza tal-istess subdritt dominju temporanju u dan kif suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' Lm1 illum €2.33;

Illi kopja tal-imsemmi att, kif ukoll kopja tas-site plan tal-fond qegħdin jiġu hawn annessi ma' din iċ-ċedola u mmarkati bħala Dokument A u Dokument B rispettivament;

Illi s-sidien tad-dirett dominju perpetwu tal-fond ma humiex magħrufa mill-esponenti;

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tixtieq tħallas l-arretrati ta' 5 snin ċens, fir-rigward tal-fond u dan fis-somma totali ta' €11.65;

Fit-tieni lok, l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha bl-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u tifdi ċ-ċens hawn fuq indikat fir-rigward tal-fond, li bir-rata ta' 5% jigi kapitalizzat fis-somma ta' €46.60.

